



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Awwissu 2022
(OR. en)

11590/22
ADD 1
LIMITE
PV CONS 51
TRANS 511
TELECOM 335
ENER 382

ABBOZZ TA' MINUTI

LAQGĦA STRAORDINARJA TAL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Trasport, Telekomunikazzjoni u **Enerġija**)

26 ta' Lulju 2022

WERREJ

Pàgna

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. Regolament tal-Kunsill dwar miżuri koordinati għat-tnaqqis tad-domanda għall-gass	3
ANNES - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill	4

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. **Regolament tal-Kunsill dwar miżuri koordinati għat-tnaqqis tad-domanda għall-gass** 11521/3/22 REV 3

Qbil politiku

Deċiżjoni li tintuża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni()*

Il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar miżuri koordinati għat-tnaqqis tad-domanda għall-gass, u ddeċieda li jawtorizza l-użu tal-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni ta' dan ir-Regolament tal-Kunsill.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni hija annessa ma' dawn il-minuti.

Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

(*) Punt li jista' jintalab vot dwaru

Dikjarazzjonijiet għall-punti "B" mhux leġislattivi li jinsabu fid-dokument 11424/22**Dwar il-punt "B"
nru 3:****Regolament tal-Kunsill dwar miżuri koordinati għat-tnaqqis tad-
domanda għall-gass***Qbil politiku**Deċiżjoni li tintuża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni(*)***DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI**

Il-proposti tal-Kummissjoni Ewropea fil-COM(2022) 360 final imsejħa "Niffrankaw il-Gass għal Xitwa Sikura" jistabbilixxu t-tnaqqis meħtieġ fid-domanda li jindirizza s-sitwazzjoni urġenti tas-sigurtà tal-provvista fis-suq Ewropew tal-gass.

Minbarra dawn l-elementi, u bħala parti mill-isforz ġenerali biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni serja tal-enerġija b'mod ġenerali, provokata mill-gwerra tal-aggressjoni Russa fl-Ukrajna, il-Kummissjoni Ewropea tisħaq li se tmexxi 'l quddiem b'urġenza l-ħidma importanti li tindirizza elementi rilevanti oħra, jiġifieri:

- kunsiderazzjonijiet tal-provvista: il-Kummissjoni se tissokta ħidmietha fuq il-Pjattaforma tal-Enerġija biex tiżgura kwantitajiet addizzjonali tal-gass u tal-LNG (u tal-idroġenu, fil-futur) fis-suq Ewropew, u biex tiffaċilita x-xiri konġunt, ħalli tħaffef il-pass tat-tneħħija tad-dipendenza fuq il-provvisti tal-gass Russi. It-Task Force stabbilita dan l-aħħar se tiffoka l-isforzi tagħha fuq għadd ta' swieq esterni ta' prijorità f'dan ir-rigward, inkluż biex tiżgura aktar kwantitajiet addizzjonali ta' LNG tul din is-sena u s-sena d-dieħla, u se tmexxi 'l quddiem ukoll u tikkoordina malajr il-ħidma tal-ħames gruppi reġjonali stabbiliti, ngħidu aħna biex tiżgura l-aktar użu effettiv u effiċjenti tal-infrastruttura eżistenti.
- limiti massimi għall-prezzijiet: filwaqt li tagħraf l-importanza li tiżgura provvista tal-enerġija bi prezzijiet affordabbli, b'mod partikolari fil-kuntest tal-isforzi għal tnaqqis obbligatorju fid-domanda, li tiżgura flussi tal-gass fejn ikunu meħtieġa l-aktar, bi spirtu ta' solidarjetà, u li tħares is-suq intern tal-UE, il-Kummissjoni qed tivvaluta b'mod urġenti possibiltajiet differenti biex iddaħħal limiti għall-prezzijiet tal-gass. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se tikkonsulta lill-Istati Membri (u lis-sħab internazzjonali meta xieraq) u se tirrapporta lura matul il-ħarifa bi proposti speċifiċi, kif meħtieġ.
- disinn tas-suq tal-elettriku: il-Kummissjoni, filwaqt li tinnota li bosta delegazzjonijiet jixtiequ jistħarrġu kif se jtejbu l-funzjonament futur tas-swieq tal-elettriku għall-ġid tal-konsumaturi u tal-industrija, b'mod partikolari minħabba l-effett tal-prezzijiet tal-gass, se tmexxi 'l quddiem il-proċess tal-valutazzjoni tal-impatt dwar kif tilqa' għall-volatilità eċċessiva tal-prezzijiet fil-futur, kif tipprovdi elettriku affordabbli b'sistema futura tal-enerġija li tkun kollha kemm hi dekarbonizzata, u kif se tħares l-integrità tas-Suq Uniku, iżżomm l-inċentivi għat-tranżizzjoni ekoloġika, tħares is-sigurtà tal-provvista, u tevita spejjeż baġitarji sproporzjonati. Din il-ħidma qed titmexxa 'l quddiem bħala prijorità, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, ħalli tkun tista' titlesta mill-aktar fis possibbli."

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" mhux leġiżlattivi li jinsabu fid-dokument 11426/22 + COR 1

Dwar il-punt "A" **nru 5:**

Deċiżjoni tal-Kunsill li titlob lill-Kummissjoni tippreżenta studju rigward is-sitwazzjoni tas-suq intern tas-servizz postali tal-Unjoni, u proposta, jekk xieraq, fid-dawl tal-eżiti tal-istudju
Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MIN-NETHERLANDS, ĊIPRU U FRANZA

"In-Netherlands, Ċipru u Franza jastjenu milli jappoġġaw ir-referenzi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 111888/22 għas-servizzi ta' konsenja tal-pakketti (il-premessa 2) u atturi ġodda fl-e-kummerċ (il-premessa 4) filwaqt li jikkonkludu li jista' jkun hemm il-ħtieġa li tiġi riveduta d-Direttiva 97/67/KE dwar is-servizz postali biex jiġu indirizzati l-isfidi msemmija hawn fuq."

Dwar il-punt "A" **nru 6:**

Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Polonja biex tirratifika l-emenda għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Pollakkju fil-Baħar Bering Ċentrali
Qbil fil-prinċipju
Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew
Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Permezz tas-sentenza tagħha fil-kawżi magħquda C-103/12 u C-165/12 (il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni vs. il-Kunsill), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat biċ-ċar li d-deċiżjonijiet b'rabta mal-konklużjoni tal-ftehimiet dwar is-sajd esterni jidħlu għalkollox fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(2) tat-TFUE (flimkien mal-proċedura applikabbli tal-Artikolu 218 tat-TFUE, jiġifieri l-Artikolu 218(6)(a)(v) għad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni tal-ftehimiet), u ċaħdet il-pożizzjoni li t-tali deċiżjonijiet jistgħu b'xi mod jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(3) tat-TFUE.

Fir-rigward tad-Deċiżjoni li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja biex tirratifika, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-emenda għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Pollakkju fil-Baħar Bering Ċentrali, il-Kummissjoni jiddispijaċiha dwar l-emenda tal-Kunsill li tissostitwixxi l-bażi ġuridika sostantiva tal-Artikolu 43(2) TFUE bl-Artikolu 43 (mingħajr ma jissemma l-paragrafu).

Għalkemm ma topponix l-adozzjoni tal-emenda tal-Kunsill b'vot ta' maġġoranza kwalifikata, il-Kummissjoni tirriżerva d-drittijiet kollha tagħha f'dan ir-rigward."

Dwar il-punt "A"
nru 7:

Talba għal eżami intern mill-ġdid skont l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1367/2006 fir-rigward tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/515 tal-31 ta' Marzu 2022 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/109 li jistabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli f'ċerti ilmiġiet mhux tal-Unjoni
Approvazzjoni tar-risposta tal-Kunsill

DIKJARAZZJONI MILL-BELĠJU, FRANZA, IL-ĠERMANJA, L-IRLANDA U N-NETHERLANDS DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLU 15(9) TAR-REGOLAMENT BAŻIKU GĦAL COD/7XAD34 U HER/7G-K

"Minħabba li l-bijomassa tal-istokkijiet ta' COD/7XAD34 u HER/7G-K hija inqas minn Blim u li fl-2022 ser ikunu permessi biss qabdiet aċċessorji jew sajd xjentifiku għal dawn l-istokkijiet, sabiex jiġi żgurat l-irkupru tagħhom u f'konformità mar-rekord bil-miktub maqbul mar-Renju Unit għall-opportunitajiet tas-sajd għall-2022, il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda u n-Netherlands jimpenjaw ruħhom li ma jużawx il-flessibbiltà minn sena għall-oħra skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 fir-rigward ta' dawn l-istokkijiet fl-2022."

DIKJARAZZJONI MID-DANIMARKA, L-ESTONJA, FRANZA, IL-ĠERMANJA, L-IRLANDA, IL-LITWANJA, SPANJA U L-IŻVEZJA DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLU 15(9) TAR-REGOLAMENT BAŻIKU GĦAL BLI/12INT, BLI/24 U BLI/03A

"Minħabba li l-bijomassa tal-istokkijiet ta' BLI/12INT, BLI/24, BLI/03A hija inqas minn Blim, sabiex jiġi żgurat l-irkupru ta' dawn l-istokkijiet u f'konformità mar-rekord bil-miktub maqbul mar-Renju Unit għall-opportunitajiet tas-sajd għall-2022, id-Danimarka, l-Estonja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Litwanja, Spanja u l-Iżvezja jimpenjaw ruħhom li ma jużawx il-flessibbiltà minn sena għall-oħra skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 fir-rigward ta' dawn l-istokkijiet fl-2022."

Dwar il-punt "A"
nru 13:

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fir-rigward tal-proċedura konsultazzjoni stabbilita fl-Artikolu 63(3) tal-FKK
Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni tqis li d-Deċiżjoni tal-Kunsill jenħtieġ li tkun indirizzata lill-Kummissjoni, u b'hekk tqis li l-emendi fl-Artikolu 3 mhumiex xierqa.

L-espressjoni tal-pożizzjoni tal-Unjoni f'korp stabbilit bi ftehim hija att ta' rappreżentazzjoni esterna tal-Unjoni li, f'konformità mal-Artikolu 17(1) TUE, hija l-prerogattiva istituzzjonali tal-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tirriżerva d-drittijiet kollha tagħha f'dan ir-rigward."